MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 4/2014

**Anthony Shane Azzopardi**

**Vs**

**Calbros Bathroom Centre Limited [C-5417]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti minnu mressqa fit-8 ta' Jannar, 2014** u li permezz taghha talab lis-socjeta intimata thallasu s-somma ta' hames mitt euro [€500] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Dan it-Tribunal qieghed jiġi mitlub jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt euro (€500), rappreżentanti din is-somma rifużjoni ta' depożitu mhallas mill-attur lis-socjeta konvenuta fuq bejgh u kunsinna ta' materjali, senjatament bathroom fixtures u fittings, kif ukoll fuq xoghol

relatat mal-installazzjoni tal-istess, liema depożitu, ghall-ebda raġuni valida fil-ligi, ma ġiex ritornat meta kellu jiġi hekk rifuz".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-22 ta' Jannar, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talba mressqa mill-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba s-segwenti raġunijiet:

Illi s-socjeta intimata dejjem imxiet mal-ftehim illi kien intlahaq bejn il-partijiet premessi fid-dsatax (19) ta' Dicembru 2012 fir-rigward tal-materjal u xogholijiet indikati mill-attur fit-talba odjerna (Dok. A);

Illi a bażi tal-istess ftehim is-socjeta intimata kienet ordnat il-materjal kollu relattiv ghax-xogholijiet hekk miftiehma bejn il-partijiet u dan minghand is-suppliers relattivi taghha;

Illi sussegwentement is-socjeta intimata harget il-fattura datata s-sebgha (7) ta' Jannar 2013 (Dok. B);

Illi wara dan sar ftehim iehor bejn l-istess partijiet fit-tmintax (18) ta' Jannar 2013, fejn sahansitra l-attur żied mal-ordni minnu precedentement maghmula skond kif hawn premess (Dok. C);

Illi kien sussegwentement l-attur innifsu illi minn jeddu nforma lis-socjeta intimata illi ma kellux bżonn aktar tal-ordni minnu maghmula skond il-kuntratti rispettivament iffirmati fid-19 ta' Dicembru 2012 u fit-18 ta' Jannar 2013;

Illi ma teżisti l-ebda raġuni valida fil-ligi sabiex fic-cirkostanzi jsir ir-rifuzjoni tad-depozitu skond kif mitlub mill-attur fil-kawza odjerna.

Illi ghalhekk it-talba attriċi ghandha tiġi michuda fl-intier taghha bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob minghand is-socjeta intimata r-rifuzjoni ta' depositu mhallas minnu lilha fuq bejgh u kunsinna ta' materjali, senjatament *bathroom fixtures* u *fittings*, kif ukoll fuq xoghol relatat mal-istallazzjoni tal-istess. Dan id-depozitu baqa ma ġiex ritornat lura lir-rikorrenti ghal ebda raġuni valida fil-ligi meta kellu jiġi hekk rifuz.

2. Is-socjeta intimata da parti taghha qalet li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li hija dejjem imxiet mal-ftehim illi kien intlahaq bejn il-partijiet premessi fid-dsatax (19) ta' Dicembru 2012 fir-rigward tal-materjal u xogholijiet indikati mir-rikorrenti fit-talba tieghu (Dok. A). Stqarret ukoll li a bażi tal-istess ftehim is-socjeta intimata kienet ordnat il-materjal kollu relattiv ghax-xogholijiet hekk miftiehma bejn il-partijiet u dan minghand is-*suppliers* relattivi taghha. Fil-fatt, kompliet tghid li hija harget fattura datata s-sebgha (7) ta' Jannar 2013 (Dok. B). Ziedet tghid li wara dan sar ftehim iehor bejn l-istess partijiet fit-tmintax (18) ta' Jannar 2013, fejn sahansitra r-rikorrenti żied mal-ordni minnu precedentement maghmula skond kif hawn premess (Dok. C). Kien wara din l-ahhar ordni li r-rikorrenti nfurmaha minn jeddu li ma kellux bżonn aktar tal-ordni minnu maghmula skond il-kuntratti rispettivament iffirmati fid-19 ta' Dicembru 2012 u fit-18 ta' Jannar 2013. Finalment qalet li ma teżisti l-ebda raġuni valida fil-ligi sabiex fic-cirkostanzi jsir ir-rifuzjoni tad-depozitu skond kif mitlub mir-rikorrenti.

Ikkunsidra;

3. **Ir-rikorrenti Anthony Shane Azzopardi** xehed u qal li li huwa ried ibiddel il-kamra tal-banju u mar ghand is-socjeta intimata ghal dan il-ghan. Qal li huwa kien ftiehem mas-socjeta ntimata sabiex ibidlulu kollox inkluż il-madum u l-*accessories* kollha tal-kamra tal-banju. Huwa esebixxa stima mahruga mis-socjeta intimata (dok. ASA 1 a fol. 29). Dan ix-xoghol kollu, qal ir-rikorrenti kien ser jiswieh s-somma ta' €2,150. Kompla jghid li huwa kien hallas l-ammont ta' €500 bhala depożitu akkont dak-in-nhar li kien inghata l-istima. Sussegwentement huwa ordna ukoll bieb u tieqa ta' l-aluminium. Qal li verbalment is-socjeta intimata kienet taghtu prezz iżda mbaghad meta kitbu l-istima taghtu prezz iehor. Dan fis-sens li l-prezz li kien hemm miktub fuq il-karti kien aktar minn dak li inghad lilu verbalment.

   Ir-rikorrenti kompla jghid li meta huwa wera dawn il-karti lill-genituri tieghu u qalilhom li l-prezz li kienu qalulu verbalment kien differenti minn dak li qalulu bil-miktub, huwa iddeċieda "*... li ma niddiljax aktar mal-Calbros, hekk ghidtilhom lil ommi u l-missieri li ma rridx niddilja aktar maghhom*" (fol. 18).

   In kontro-ezami huwa gie muri d-dokument immarkat bl-ittra A (fol. 8) u ikkonferma li l-firma fuq dak id-dokument hija tieghu. Kompla jghid li "*dan id-dokument huwa l-ftehim li kien sar bejni u bejn il-Calbros u jikkomprendi fih ix-xogholijiet li kellhom isiru mis-socjeta intimata*" (fol. 18). Dan id-dokument iġib id-data tad-19 ta' Dicembru, 2012.

   B'referenza ghal hlas maghmul minnu ta' €500 ix-xhud qal li dan kien parti mill-prezz globali u cioe mill-prezz tal-*accessories* u mill-prezz tax-xoghol.

   Ir-rikorrenti qabel ukoll li d-dokument immarkat bl-ittra B (fol. 9) datat 7 ta' Jannar, 2013 juri x-xogholijiet li huwa kien ordna minghand is-socjeta intimata.

   Ghar-rigward tad-dokument immarkat bl-ittra C (fol. 10), ir-rikorrenti qal li dan huwa datat 18 ta' Jannar, 2013 u huwa ffirmat minnu. Qal li dan id-dokument jikkomprendi xi xogholijiet li s-socjeta intimata kienet ghamlet ghalih. Sussegwentement in ri-ezami, meta gie mistoqsi jekk is-socjeta ntimata qattx ghamlitlu xi xoghol fid-dar tieghu, r-rikorrenti qal li "*... le qatt ma ghamluli xoghol*" (fol. 19).

Kompla jghid ir-rikorrenti li "... *mbaghad kont ghidt lil mama sabiex tmur ghand is-socjeta ntimata u titlobhom l-flus lura u cioe dawk il-hames mija (500) akkont li kont hallast*" (fol. 18). Qal li minn dak-in-nhar il-quddiem is-socjeta intimata ma ghamlitlux xoghol iżjed. Qal li meta "... *bghadt lil mama biex tipprova tiġbor il-hames mitt ewro (€500) deposit kienu ghar-rigward tax-shower u mhux tal-bieba ... korrezzjoni .. tal-bieba u tat-tieqa, però llum il-gurnata qieghed nitlob lura l-flus fuq kollox*" (fol. 19). Qal ukoll li l-kuntratt datat 18 ta' Jannar, 2013 ma ghandux x'jaqsam max-*shower*. Zied ighid li llum il-gurnata lanqas il-bieb u t-tieqa ma jrid. Dawn kellhom jitwahhlu fil-kamra tal-banju.

Ir-rikorrenti qal li meta mar ghand is-socjeta intimata min tah il-karti u qallu biex jiffirma ma kienx spjegalu xejn. Qal li huwa mar ghand il-genituri tieghu l-ghaliex filwaqt li kien jaf x'kien qieghed jiffirma, "*l-ammonti li konna ftehmna kienu differenti minn dawk li inkitbu*" (fol. 19).

4. **Antonia Azzopardi**, omm ir-rikorrenti qalet li binha jghix ghal rasu. Kien wasal iz-zmien li titbiddel il-kamra tal-banju u binha mar mar ghand is-socjeta intimata. Qalet ukoll li meta binhom kien mar id-dar ghandhom u kien qalilhom x'kien ftiehem mas-socjeta intimata huma raw li dak li kien hemm mitkub kien differenti. F'dan ir-rigward qalet li "... *meta gab l-istima ghadna d-dar biex narawha jiena u missieru skoprejna li dak li kien hemm miktub kien differenti minn dak li qalilna t-tifel*" (fol. 21). Ix-xhud ma kienitx preżenti meta binha ghamel in-negozju mas-socjeta intimata u ghalhekk stqarret li "... *dak kollu li naf nafu minghand it-tifel*" (fol. 21).

   Meta hija marret ghand is-socjeta intimata, hija talbet li tkellem lid-direttur Charles Gauci u wara li qaltlu li fuq il-prezzijiet li kien taghhom hi ma riditx ikollha x'taqsam mieghu, huwa qalilha, dejjem skond din ix-xhud, li ma riedx jaghtiha lura d-depositu ta' €500 u talabha titlaq il-barra.

5. **Carmelo Azzopardi**, missier ir-rikorrenti qal li ibnu kien infurmah li l-prezzijiet li huwa kien ftiehem verbalment mas-socjeta intimata kienu differenti minn dawk li eventwalment inkitbu fuq il-karti li inghata minnha. Huwa qallu sabiex jitlob id-depositu ta' €500 lura. Sussegwentement kien ċempel lid-direttur tas-socjeta intimata u talbu sabiex jaghti lura l-flus lil ibnu iżda dan ma aċċettax.

6. **Carmelo Gauci**, direttur tas-socjeta intimata qal li s-socjeta minnu rappreżentata kienet harget stima manwali lir-rikorrenti. Din l-istima manwali ġiet esebita mir-rikorrenti bhala dok. ASA 1 (fol. 29). Wara li kien mar id-dar tar-rikorrenti sabiex jara x-xogholijiet li kienu mehtiega li jsiru, gie ppreparat id-dokument li jġib id-data tad-19 ta' Dicembru, 2012 (fol. 8), liema dokument gie ffirmat mir-rikorrenti. Saret ukoll l-ordni ta' l-affarijiet, liema ordni hija dik li ġiet esebita a fol. 7 tal-process.

Meta gie mistoqsi mit-Tribunal ghar-rigward tal-prodott li ngieb hawn Malta ghal tal-apposta ghar-rikorrenti huwa qal li "*... jiena ma nistax inbighu lil haddiehor il-ghaliex il-kamra hi tad-daqs li hi u lanqas nista nġib madum, anqas nista nġib madum ghal bhalu l-ghaliex jaf ikun hemm tibdil fit-tonalita*" (fol. 23).

Bhala prezz ghal madum li ingieb, ix-xhud qal li kien hemm €401.95 (esk. il-VAT). Kompla jghid li x-xoghol kellu jibda fis-17 ta' Jannar, 2013. Kompla jghid li r-rikorrenti lilu kien qallu li "*... ried jiftah tieqa, jaghmel tieqa tal-bronz, jaghmel bieb sliding bin-netting u bil-logg tal-bronz u rhama ghal taht it-tiolet*" (fol. 23). Il-kuntratt gie ffirmat l-ghada li suppost kellu jibda x-xoghol. Stqarr li dawn ix-xogholijiet ghadhom ma sarux. Sussegwentement regghet ġiet miftehma data ohra ta' meta suppost kellhu jibda x-xoghol u cioe l-25 ta' Frar, 2013. Madwar gimgha qabel ma kellhom jibdew ix-xogholijiet "*... jiena cempilt lir-rikorrenti u ghidtlu li konna ser nibdew, huwa qalli li stajna nibdew u ma kienx hemm problema*" (fol. 23). Dak-in-nhar tal-25 ta' Frar, 2013 huwa ghabba t-trakkijiet bir-ramel u madum u hadhom ghand ir-rikorrenti. Habtulu l-bieb u ma fetah hadd. Cemplulu u skond ix-xhud, ir-rikorrenti nformahom li ma ried xejn. Qal li minhabba f'hekk huwa kellhu jhallas is-somma ta' Lm70 pari ghal €163.06 ghat-tlieta min nies li huwa ha mieghu ghalxejn.

Mistoqsi jekk omm ir-rikorrenti kienitx marret il-hanut huwa qal li ma jafx. Mistoqsi jekk huwa rrispondiex l-ittra datata 2 ta' Settembru, 2013 (dok. ASA 3 a fol. 32) huwa qal li ma jiftakarx. Meta gie mistoqsi ukoll jekk huwa offriex il-madum lir-rikorrenti, r-rapprezenatnt tas-socjeta intimata wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi ulterjorment jekk huwa setax juza l-*accessories* f'xi kamra tal-banju ohra, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Mhux l-istess haga ghar-rigward tal-madum u dan fis-sens li "*... din kienet ordni specifika ghad-daqs tal-kamra tar-*

*rikorrenti u ngiebet minn barra attapposta*" (fol. 24). Ix-xhud kompla jghid li l-madum ordnat huwa tat-tip gres u huwa ta' kulur beige. Ix-xhud stqarr ukoll li huwa ra xi haddiema ghand ir-rikorrenti u ghalhekk ikkonkluda li huwa kien ghamel ix-xoghol li kellhu jaghmel hu fuq inkarigu tar-rikorrenti.

Meta gie mistoqsi dwar il-kwistjoni li qanqal ir-rikorrenti u cioe li verbalment kienu qalulu mod u bil-kitba mod iehor huwa wiegeb li "*l-kitba tghodd*" (fol. 24).

Qal ukoll li wara li suppost kellhom jaghmlu x-xogholijiet kienet cemplitlu oht ir-rikorrenti u talbitu l-flus lura. Kien hemm ukoll xi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar id-diskors li kienet qaltlu.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Mill-fatti u provi kif prodotti mill-partijiet jirrizulta li r-rikorrenti kien mar ghand is-socjeta intimata sabiex jixtri minghandha kamra tal-banju flimkien ma l-accessorji. Irrizulta ukoll li kienet inhargitlu stima manwali (bla data) mill-addetti tas-socjeta intimta. Fid-19 ta' Dicembru, 2012 ir-rikorrenti ffirma kuntratt ta' xogholijiet li huwa ried jaghmel fil-kamra tal-banju tieghu. Imbaghad fis-7 ta' Jannar, 2013 is-socjeta intimata harget fattura (fol. 9) bl-*accessories* li r-rikorrenti ried ghal kamra tal-banju tieghu. Din il-fattura, taqbel fil-valur ma dak li esebixxa r-rikorrenti (fol. 29) u li d-direttur tas-socjeta intimata qal li kienet inharget lir-rikorrenti meta huwa kien mar ghandha jistaqsi fuq il-kamra tal-banju tieghu. Sussegwentement u peress li r-rikorrenti ried jaghmel xi xoghol addizzjonali ohra fil-kamra tal-banju, s-socjeta intimata harget stima ohra bid-data tat-18 ta' Jannar, 2013 (fol. 10). Fuq dan id-dokument hemm id-data tal-25 ta' Frar u allura t-Tribunal qieghed jifhem li x-xogholijiet kellhom jibdew dak-in-nhar. Hallas ukoll f'xi żmien is-somma ta' €500 bhala depositu ghax-xogholijiet u xiri ta' oggetti relatati ma din il-kamra tal-banju. Gara iżda li xi żmien wara din l-ahhar data tat-18 ta' Jannar, 2013 ir-rikorrenti beda jigieh id-dubbju dwar il-prezzijiet kkwotati lilu mis-socjeta intimata u fil-fatt mar ikellem lill-genituri tieghu dwar din il-pre-okkupazzjoni. Huwa fil-fatt iddeċieda li ma jkollux x'jaqsam aktar ma din is-socjeta u kien inkariga lill-genituri tieghu sabiex ikellmu lir-rapprezentant tas-socjeta intimata sabiex huwa jerggha jinghata lura dan id-depozitu ta' €500 li kien hallas. Il-genituri tieghu t-tnejn xehdu li huma kienu kellmu lis-socjeta intimata dwar dan.

Omm ir-rikorrenti stqarret li hija kienet marret fis-*showroom* tas-socjeta intimata u kienet kellmet lir-rapprezentant taghha Carmelo Gauci filwaqt li missieru kien ċempel lill-imsemmi rappreżentant. It-tnejn xehdu li huma talbu l-flejjes li binhom kien hallas bhala depositu akkont tax-xogholijiet u oggetti li kellhom jiġu nstallati fil-kamra tal-banju tieghu. Ir-risposta tas-socjeta intimata kienet li dan l-ammont ma setax jiġi rifuz l-ghaliex l-accessorji, inkluż il-madum, kienu gew ordnati oltre li dak-in-nhar li kellu jsir ix-xoghol, s-socjeta intimata kienet qabdet tlieta min nies sabiex jaghmlu x-xogholijiet u meta dawn ma thallewx jidhlu fil-proprjeta tar-rikorrenti biex jaghmluhom, s-socjeta intimata xorta wahda kellha thallashom talli nqalghu ghal nofs ta' nhar ghal xejn. Ir-raguni li ta r-rikorrenti l-ghala huwa ma riedx jkompli bl-ordni li kien ghamel kienet li dak li kien ftiehem verbalment mas-socjeta intimata ma ġiex rifless fid-dokumenti u karti li din kienet taghtu. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata qal li huwa ma kien jaf b'xejn min dan kollu u li ghalih, dak li kien jinteressah kien dak li kien hemm miktub. Ghar-rigward ta' l-accessorji, ir-rapprezentant tas-socjeta intimata qal li dawn setghu jinbieghu ghal kamra tal-banju ohra iżda qal li dan ma setax isir ghar-rigward tal-madum tat-tip gres tal-lewn beige li gie ordnat specifikatament ghar-rikorrenti. Qal li huwa ma setax ibiegh dan il-madum l-ghaliex dan gie ordnat ghad-daqs tal-kamra tar-rikorrenti u mhux il-kmamar kollha jkunu ta' l-istess daqs.

8. It-Tribunal però ma jistax jifhem kif minkejja li s-socjeta intimata ġiet infurmata li r-rikorrenti kien reggha bdielu hija baqghet ghaddejja bhal li kieku ma kien gara xejn u per eżempju qallet il-haddiema sabiex imorru ghand ir-rikorrenti sabiex jaghmlulu x-xogholijiet. Huwa minnu li r-rapprezentant tas-socjeta intimat qal li madwar gimgha qabel ma kienu sejrin il-haddiema taghha biex jaghmlu x-xogholijiet rikjesti ghand l-intimat huwa kien ċempel lir-rikorrenti u dan kien qallu li setghu jmorru, però mehud kollox in konsiderazzjoni, inkluż il-komportament tar-rikorrenti waqt li dan xehed quddiemu u tax-xhieda minnu prodotti, t-Tribunal isibha diffiċli li jemmen li kienet saret din it-telefonata u din il-konversazzjoni. Is-socjeta ntimata kienet taf li kien ser ikun hemm kwistjoni fuq din l-ordni iżda minkejja dan hija xorta wahda baqghet ghaddejja qisu xejn mhu xejn. Illi ghar-rigward ta' l-accessorji, jirrizulta li s-socjeta intimata ma kienet ser tbaghti l-ebda spejjez f'dan ir-rigward l-ghaliex dawn setghu jinbieghu lill-haddiehor minghajr ebda telf. Ghar-rigward tal-madum, is-socjeta intimata qalet li dawn ma setghux jinbieghu lill-haddiehor l-ghaliex dawn kienu ordnati specifikatament ghal kamra tal-

banju tar-rikorrenti. Peress li mhux il-kmamar tal-banju ikunu kollha ta' l-istess daqs allura huwa ma setax jbiegh dan il-madum lill-haddiehor. Pero t-Tribunal huwa tal-fehma li meta gie ordnat il-madum, dan ma jkunx gie ordnat ghal qies eżatt tal-kamra tal-banju tar-rikorrenti u xi kaxxi żejda ikunu gew ordnati. Apparti minnhekk, kif ġustament qal ir-rapprezentant tas-socjeta intimata mhux il-kmamar tal-banju kollha jkunu ta' l-istess daqs. Hemm kmamar izghar u kmamar ikbar tal-banju minn tar-rikorrenti. Ghalhekk, dan il-madum seta faċilment jinbiegh lil xi hadd li kellhu kamra tal-banju izghar minn dik tar-rikorrenti u ghalhekk ma jistax jaċċetta din l-iskuza tas-socjeta intimata. Huwa minnu li s-socjeta intimata tkun harget il-flus ghax-xiri ta' l-accessorji u tal-madum minghand il-produtturi taghha però dan ma jfissirx li kien hemm jew ser ikun hemm telf ghaliha. Apparti dan kollu, dan il-madum qatt ma gie depositat per eżempju taht l-Awtorita tal-Qorti sabiex is-socjeta intimata tezimi ruhha mir-responsabbilita tieghu. Lanqas qatt ma offrietu lir-rikorrenti. Ghalhekk, anke hawn is-socjeta intimata ma hijiex ġustifikata li żżomm il-flejjes li r-rikorrenti kien hallasha bhala depositu mill-prezz miftiehem. Fuq kollox, dan huwa Tribunal li ghandu japplika l-kuncett ta' ekwita meta jiġi biex jiddeċiedi u hekk sejjer jaghmel f'dan il-kaz.

9. Ghalhekk, mehud kollox in konsiderazzjoni, u anke a bażi ta' ekwita, t-Tribunal sejjer jilqa it-talba tar-rikorrenti.

10. Ghar-ragunijiet fuq premessi, t-Tribunal jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-istess soċjetà intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' hames mitt euro [€500] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------